

# Xi festi reliġjużi li kienu jew għadhom jiċċelebraw fil-Parroċċa tal-Mosta



*Dr George Cassar*

Fil-Mosta, matul is-snin kienu bdew jiġu ċċelebrati numru ta' festi li daħlu fil-kalendarju tal-parroċċa fi żminijiet differenti. Naturalment minn meta twaqqfet il-parroċċa tal-Mosta fl-1608 l-akbar festa li l-Mostin kienu jattendu għaliha kienet dik tat-titular ta' Marija mtellgħa s-Sema. Għalkemmbħala festa diġà kienet tiġi ċċelebrata minn qabel, din ħadet spinta 'l quddiem meta l-Mosta inqatgħet għall-kollox minn mall-matriċi tan-Naxxar.

F'dan l-artiklu mhux ser nitkellmu fuq din il-festa u lanqas fuq dik tal-Ġimgħa l-Kbira li deeret għall-ewwel darba fil-Mosta fl-1866. Se naraw ftit festi oħrajn li uħud minnhom spiċċaw għal kollox u għadhom jiftakruhom biss dawk li għandhom ċerta età.

Fl-ewwel żminijiet mit-twaqqif tal-parroċċa barra l-festa titulari ma kinux isiru festi oħra ħlief dawk tal-Gandlora u tal-Milied.

Dwar dik tal-Gandlora, isimha magħha, il-festa tal-*candele* jew tax-xemgħat. Għalhekk kien jintefaq ħafna aktar fuq ix-xemgħat li naturalment kienu jiġu użati bil-kbir f'din il-festa. Fil-fatt, għal din il-festa li kienet issir fit-2 ta' Frar, tant kienu jitqassmu xemgħat li l-ispiża kienet ġieli tlaħħaq daqs dik ta' Santa Marija qabel ma din tal-aħħar bdiet issir b'aktar solennità. Mill-ispiża ta' ħames skudi f'xemgħat nifhmu li kull min kien jattendi għall-funzjoni kien jingħata xemgħa.

## *Il-Milied*

Dwar il-festa tal-Milied, din kienet festa ta' ġewwa. Bħala ċelebrazzjoni jidher li fl-ewwel żminijiet tal-parroċċa din kienet toħloq ċertu konsum ta' xemgħat, żejt għal-lampieri, aktar konsum ta' ostji, u kien jintrama' wkoll presepju.

Fi żminijiet aktar riċenti l-Milied sar jiġi ċċelebrat aktar bil-kbir u b'aktar attivitàjiet. L-aktar waħda li tispikka hi l-quddiesa ta' nofs il-lejl. Sal-1964 il-prietka tradizzjonali tat-tifel, kif inhi magħrufa, kienet issir bħala parti mill-quddiesa proprja. Madankollu, fil-Mosta, mill-1965 din bdiet issir fil-funzjoni ta' qabel il-quddiesa. It-tiżjin hu parti integrali mill-festa tal-Milied. Fil-Mosta dan jidher fit-toroq li jiżżejnu għall-okkażjoni. Triq il-Kungress Ewkaristiku ġiet imżejna l-ewwel darba fl-1970. Ma' dan kollu ma tonqosx il-purċissjoni tradizzjonali tal-Bambim organizzata mis-soċi tal-M.U.S.E.U.M. li baqgħet issir regolarment mill-1946, minn meta fetaħ il-Qasam ta' din is-Soċjetà fil-Mosta.

## *L-Irxoxt*

Festa oħra bil-purċissjoni li daħlet



fil-Mosta fl-aħħar deċenji tas-seklu għoxrin hi dik ta' Kristu Rxoxt. L-istatwa hi xogħol ta' Ġlormu Dingli tar-Rabat, Malta, u ħarġet għall-ewwel darba fit-toroq tal-Mosta fl-1976. Għal bidu kienet toħroġ mill-Oratorju Qalb ta' Ġesù u timxi lejn il-knisja arċipretali. Żviluppat f'forma ta' *pageant* bibbliku u daħlu fiha wkoll il-Banda Nicolò Isouard, il-Boy Scouts u l-Girl Guides. Kien fl-1979 li din il-purċissjoni bdiet toħroġ mir-Rotunda u b'differenza minn ħafna purċissjonijiet oħra ta' Kristu Rxoxt fi bliet u rħula Maltin, din tal-Mosta ssir filgħaxija.

## *Festi li m'għadhomx isiru bħal qabel*

Hemm numru ta' festi li ma baqgħux isiru fil-parroċċa. Festa importanti għal ħafna żmien kienet dik għad-unur San Paċifiku. Din kienet tiġi ċċelebrata f'Settembru. Il-festa ta' barra kienet issir b'xi armar u murtali u bid-daqq tal-banda. Dan ma baqax isir wara s-sena 1964.

Spiċċaw ukoll il-festi bil-purċissjoni tal-Madonna taċ-Ċintura, tal-Madonna Reġina, tad-Duluri ta' Settembru, u tas-Salib Imqaddes. Kienu tneħħew mill-Arċisqof Gonzi fiż-żjara pastorali tiegħu fil-parroċċa fl-1969.

## *Festi oħra li għadhom isiru*

Numru ta' festi bil-purċissjoni li għadhom isiru u li joħorġu bil-





*San Paċifiku*



*· Il-Purċissjoni tad-Duluri*

purċissjoni huma: il-Ġisem Imqaddes ta' Ġesù (Corpus); il-Qalb ta' Ġesù; il-Ġimgħa l-Kbira; l-Għid il-Kbir; Santa Marija mtellgħa s-Sema; id-Duluri (il-Ġimgħa ta' qabel il-Ġimgħa l-Kbira); il-Madonna tar-Rużarju (fl-ewwel Ħadd ta' Ottubru); u San Ġużepp (fl-ewwel Ħadd ta' Mejju).

Festi ta' fratellanzi u artali li għadhom isiru fil-knisja arċipretali huma: San Paċifiku (30 ta' Ġunju); is-Salib (14 ta' Settembru); id-Duluri (15 ta' Settembru); San Ġużepp (l-ewwel Ħadd ta' Mejju); il-Madonna taċ-Ċintura (4 ta' Settembru), il-Konverżjoni ta' San Pawl (25 ta' Jannar); u l-Madonna tar-Rużarju (l-ewwel Ħadd ta' Ottubru).




*Il-Festa tal-Assunta*

